MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2011

Numru. 275/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Louis Portelli iben Michael u Carmela nee' Magro imwieled fit-12 ta' Settembru 1944 u residenti fil-fond Redentur, Sunset View, Triq Alwig Mizzi, Gharb, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 74244(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Louis Portelli li gie akkuzat talli nhar is-Sibt 13.01.2007 fi Triq il-Gdida fi Triq Dun Alwigg Mizzi, Gharb minghajr il-hsieb li jaghmel hsara kontra il-ligi, izda biss biex jezercita jedd li

jippretendi li ghandu fixkel lil Nazzareno Xuereb fil-pussess ta' hwejjgu. (Art.85 Kap9)

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi akkwiziti jidher illi dak li wassal ghall-azzjoni odjerna kienet il-fatt illi l-imputat kien qabad u tefa xi terrapien fuq xi raba tal-kwerelant Nazzareno Xuereb. Il-kwerelant ghalhekk kien ser jidhol minn passagg li tasal ghal dina l-ghalqa permezz ta' gaffa sabiex inehhi dana t-terrapien, izda l-imputat zamm lil kwerelant mill jaccedi ghar-raba tieghu billi mblokka l-passagg bil-vann tieghu. Ghalhekk il-kwerelant ghamel rapport lill-pulizija u ttiehdu passi kriminali fil-konfront tal-imputat ghal raggion fattasi.

Illi l-imputat jammetti kemm il-darba dana l-fatt. Illi meta gie mitkellem mill-pulizija a tempo vergine huwa stqarr mal-kuntistabbli 242 Raymond Buttigieg illi "ftit tal-hin qabel kien halla l-vettura tieghu pparkjata f'nofs l-imsemmi passagg kif allegat izda tenna li ghamel dan ghaliex il-passagg in kwistjoni huwa wiehed privat u kien proprjeta tieghu u ghalhekk Nazzareno ma kellu l-ebda dritt li jaghmel uzu minnu."[1]

Illi mbaghad meta jixhed quddiem l-espert nominat mill-Qorti, il-Perit Valerio Schembri huwa jerga jammetti illi kien halla l-vann fin-nofs sabiex il-kwerelant ma jkunx jista' jghaddi permezz ta' gaffa got-triq in kwistjoni. Jghid testwalment: "Jiena poggejt il-vann fin-nofs u bblukajtu ghax hemm tieghi …", izda jammetti illi l-kwerelant kien juza l-imsemmi passagg sabiex ighaddi anke bl-ingenji ghalkemm kien jaghmel dan bi pjacir min-naha tieghu ghaliex ma ghandux dritt ighaddi. Ikompli jghid illi huwa

[1] Ara affidavit tal-PC242 Raymond Buttigieg

halla l-vann jimblokka l-passagg ghal madwar tlett sighat ghalkemm halla access bir-rigel u anke bil-mohriet.

Illi mbaghad minn kostatazzjonijiet li ghamel il-perit tekniku rrizulta illi l-proprjeta tal-kwerelanti kienet iccirkondata b’hajt tas-sejjieh, izda parti mill-proprjeta tal-kwerelanti llum hija okkupata mit-trejqa jew passagg in kwistjoni. Il-Perit jikkonkludi:

“Hija l-umli opinjoni ta’l-esponenti (u dana wara li ghamel ezercizzju approssimttiv ibbazat fuq dak ipprezentat in atti u a skans ta’ spejjez zejda minghajr survey digitali) aktarx illi parti mit-trejqa illum ezistenti tinsab fuq l-art tal-kwerelanti.”

Illi f’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali datata 24 ta’ Mejju 1996 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Angelo Muscat:
“Dak li jrid jigi ippruvat ghall-finijiet tar-reat ta’ ragion fattasi hu li l-imputat, biex jezercita dritt li hu jippretendi li ghandu, fixkel lil haddiehor fil-pussess ta’ hwejjgu. Ghandux jew le verament dritt skond il-ligi civili (f’dan il-kaz biex tghaddi l-persuna li giet imfixxkla) hi haga li tigi determinate mhux mill-Qorti ta’ gurisdizzjoni kriminali izda minn qorti ohra.”

Ghaldaqstant fid-dawl ta’ dawn ir-risultanzi processwali u wara li rat l-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ihallas multa ta’ €100.

Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tordna lill-imputat ihallas s-somma ta’ €2371.51 in konnessjoni mal-ispejjez peritali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------